MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2003

Numru 17/2003

**Il-Pulizija**
(Spettur Alexander Miruzzi)
**vs**
**Peter Abdilla**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Peter Abdilla ta' 43 sena iben Andrew u Carmen nee' Farrugia imwieled Pieta' fil-3 ta' Settembru 1959 u residenti 35, Guzeppi Penza Street, Luqa u detentur tal-Karta ta' l-identita bin-numru 589659(M).

Talli:
Fil-granet qabel is-7 ta' Novembru 2002 fl-inhawi ta' Bir Miftuh xjentament, jew b'negligenza, nuqqas ta' hila jew ta' osservanza ta' regolamenti kkaguna dannu lil jew qered proprjeta' kulturali sew kekk tali proprjeta' kulturali

tkun sew jekk ma tkunx registrata, f'xi inventarju skond l-Att dwar il-Patrimonju Kulturali Kap 445 u kemm jekk is-sid ta' tali proprjeta' ta' patrimonju kulturali jkun il-persuna li tkun ikkagunat il-hsara jew il-qerda, kemm dik il-persuna tkun qeghda tamministraha b'mod legittimu. Dan bi ksur tal-Kapitolu 445 Artikolu 53(1) (a) tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar ukoll talli fl-istess zmien, post, u cirkostanzi ghamel xi attivita jew inkella agixxa bi ksur tad-dispozizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Patrimonju Kulturali Kapitolu 445 jew ta' regolamenti maghmulin tahtu jew tal-kondizzjonijiet ta' licenzja jew permessmahrug that dan l-Att jew naqas milli jaghmel xi haga li tkun mehtiega that dan l-Att, regolamenti jew licenzja u dan bi ksur tal-Kapitolu 445 Artikolu 53(1) (b) tal-Ligijiet ta' Malta.

Ukoll tallu fl-istess zmien, post u cirkostanzi ghamel xi zvilupp minghajr permess ta' l-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u dan bi ksur tal-Kapitolu 356 Artikolu 30 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti esebiti.

Rat li fis-seduta ta' llum l-akkuzat ammetta l-akkuzi migjuba kontrih. Wara li l-Qorti fissritlu x'jigifieri ammissjoni u taghtu z-zmien jerga jahsibha rega ammetta.

Issibu hati.

Rat l-Artikoli 53(1) (a), 53 (1) (b) tal-Kapitolu 445 u l-artikolu 30 tal-Kapitolu 356 u kif ukoll artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat wkoll l-artikolu 401 (3) tal-Kapitolu 9.

Tiddeciedi li tapplika l-imsemmi artikolu 9 tal-Kapitolu 152 stante l-istat tal-kondotta ta' l-akkuzat uante li waqt it-trattazzjoni tad-difiza u l-prosekuzjjoni irrizulta li l-akkuzat ma kienx jaf dwar il-valur tas-sit bhal-hafna Maltin ohrajn.

Ghalhekk fil-waqt li ssibu hati tilliberah taht il-provedimenti ta’ l-artikolu 9 tal-Kapitolu 152 b’dan li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) xhur mill-llum u l-Qorti qeghda twiddbu u twissih skond il-ligi bi kliem semplici u car l-import ta’ din is-sentenza.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni a tenur tal-Kapitolu 445 , tilqaghha u tordna li x-xogholijiet mehtiega isiru that is-sorveljanz tal-Awtoritajiet a spejjez tal-hati li seduta stante weighed li ser jaghmel hekk wara li jigi mgharraf mill-awtoritajiet. Jekk hekk ma jsirx jkollu jhallas multa ta’ Lm 25 a tenur tal-artikolu 53(2) tal-Kapitolu 445 u l-artikolu 56 (2) tal Kapitolu 356.

(ft) Dr Joseph Cassar
MAGISTRAT

Vera kopja M. Mifsud, BA
Dep Reg.

--------------------------------TMIEM--------------------------------